


AD 16/15

LIMITE

CONF-ME 10



DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
Kapitolu 15: Enerġija

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu 15: Enerġija

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hi bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (CONF-ME 2/12) u hi soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn kwalunkwe parti dwar kapitolu tan-negozjati m'għandha bl-ebda mod tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- il-qbil - inkluż qbil parzjali - li jintlaħaq matul in-negozjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistax jitqies bħala qbil finali sakemm ikun ġie stabbilit qbil ġenerali;

kif ukoll għar-rekwiżiti li jinsabu fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Montenegro biex ikompli bil-proċess ta' allinjament mal-*acquis* u l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali biex diġà qabel l-adeżjoni jiżviluppa linji politiċi u strumenti kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li, fil-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu CONF-ME 8/15, il-Montenegro jaċċetta l-*acquis* taħt il-kapitolu 15 kif kien fis-seħħ fil-11 ta' April 2013, u jiddikjara li ser ikun lest biex jimplimentah sal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tad-Direttiva 2009/119/KE li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi, li l-Montenegro jitlob perijodu transizzjonali għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu.

Idrokarburi

L-UE tinnota li l-leġislazzjoni tal-Montenegro laqgħet livell raġonevoli ta' allinjament mal-*acquis* dwar l-idrokarburi, bl-eċċezzjonitad-Direttiva 2009/119/KE li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi, li l-Montenegro jitlob perijodu transizzjonali għall-implimentazzjoni sħiħa tagħha.

Filwaqt li tfakkar fid-drittijiet sovrani tal-Istati Membri kollha tal-UE li jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali tagħhom f'konformità mal-*acquis* tal-UE, l-UE tieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Montenegro li huwa kiseb allinjament sħiħ mad-Direttiva 94/22/KE dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2964/95 dwar ir-reġistrazzjoni għall-importazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat u l-kunsinni tiegħu, l-UE tinnota li l-Montenegro ma jimportax żejt mhux maħdum u ma għandu l-ebda attività ta' raffinar taż-żejt fil-pajjiż.

L-UE tieħu nota wkoll tat-talba tal-Montenegro għal perijodu transizzjonali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi, sal-1 ta' Jannar 2023 sabiex jiġu żgurati ħażniet ta' żejt fi kwantità ugwali għal valur medju ta' 90 jum ta' importazzjoni netta kuljum.

L-UE tieħu nota tal-Pjan ta' Azzjoni li adotta l-Montenegro fl-24 ta' April 2015 dwar l-obbligu ta' ħażniet strateġiċi ta' żejt u/jew prodotti petroliferi li jiddefinixxi l-mod kif ser jimplementa d-Direttiva 2009/119/KE. F'konformità ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Montenegro biħsiebu jadotta liġi speċifika dwar ħażniet strateġiċi ta' żejt matul l-2015 u ser jistabilixxi Direttorat għal Ħażniet Strateġiċi taż-Żejt fl-2015. Il-Montenegro ser jibda jibni l-ħażniet fiżikament fl-2016 bil-għan li jirrispetta l-obbligu ta' 90 jum sal-2023. L-UE tirrikonoxxi li l-Montenegro jipproponi l-adozzjoni ta' mudell mħallat għaż-żamma tal-ħażniet taż-żejt tagħha.

Dan il-perijodu transizzjonali jikkoinċidi mal-obbligi marbutin mal-ħażniet taż-żejt tal-Montenegro skont it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija. Abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni li ppreżenta l-Montenegro, l-UE hi tal-fehma li t-talba tal-Montenegro hija aċċettabbli. L-UE tistieden lill-Montenegro biex jiżgura li l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu stess jiġi implimentat kompletament f'konformità mal-iskeda ta' żmien tiegħu stess.

Suq Intern tal-Enerġija

L-UE tinnota li t-Tielet Pakkett dwar is-Suq Intern fir-rigward tal-enerġija elettrika (id-Direttiva 2009/72/KE, ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 u r-Regolament (KE) Nru 713/2009) ġie parzjalment traspost fil-leġislazzjoni tal-Montenegro, għalkemm il-Montenegro diġà jimplimenta l-biċċa l-kbira tat-Tieni Pakkett dwar is-Suq Intern. Il-Montenegro biħsiebu jadotta liġi ġdida dwar l-enerġija aktar tard din is-sena. Meta din il-liġi tiġi kkomplementata minn leġislazzjoni ta' implimentazzjoni, it-traspożizzjoni legali tat-Tielet Pakkett dwar is-Suq Intern għandha tkun ikkompletata.

L-UE tieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Montenegro li huwa diġà ssepara l-attivitajiet ta' trasmissjoni minn dawk tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista skont il-mudell tas-separazzjoni ta' sjieda. L-UE tieħu nota li l-Montenegro jiddikjara li s-separazzjoni ulterjuri (inkluża ċ-ċertifikazzjoni), l-obbligi tal-Operatur tas-Sistema ta' Trasmissjoni u d-dispaċċ u l-ibbilanċjar ser iseħħu permezz tal-Liġi l-ġdida (ippjanata) dwar l-Enerġija u l-liġijiet sekondarji li jirriżultaw minnha.

L-UE tinnota li l-Liġi dwar l-Enerġija tal-2010 tiddefinixxi l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tas-suq tal-enerġija elettrika, l-attivitajiet relatati mal-produzzjoni tal-enerġija elettrika minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja. Il-Liġi dwar l-Enerġija tal-2010 tiddefinixxi d-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Operatur tas-Sistema ta' Trasmissjoni (TSO) u r-regoli nazzjonali dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trasmissjoni. Il-Kodiċi tal-Grilja nazzjonali ġie adottat fl-2011, f'konformità mal-linji gwida tan-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trasmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E). Ir-Regoli dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità ġew adottati fl-2011. Il-Liġi dwar l-Enerġija tal-2010 tiddefinixxi wkoll id-drittijiet, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSO), u f'Lulju 2011 il-Montenegro stabbilixxa l-Operatur Montenegrin tas-Suq tal-Enerġija Elettrika (imsejjaħ COTEE). Dan ġie sseparat mit-TSO (Is-Sistema Crnogorski elektroprenosni - CGES) permezz tal-mudell tas-separazzjoni tas-sjieda.

L-UE tinnota li s-suq tal-enerġija elettrika tal-Montenegro nfetaħ fl-1 ta' Jannar 2009 għall-klijenti eliġibbli kollha bl-eċċezzjoni tas-suq għall-unitajiet domestiċi, li nfetaħ fl-1 ta' Jannar 2015; u li attwalment hemm żewġ fornituri fil-Montenegro. Il-forniment tal-klijenti eliġibbli konnessi mas-sistema tad-distribuzzjoni għadu qed isir bi prezzijiet regolati.

Il-Montenegro japplika l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-bini ta' kapaċitajiet ġodda ta' ġenerazzjoni, u diġà ħareġ disa' awtorizzazzjonijiet.

Fil-qasam tal-metodoloġiji dwar it-tariffi, l-UE tinnota li l-Montenegro jqis li diġà qiegħed jimplementa r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010 dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' intertrasmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trasmissjoni.

L-UE tinnota li fil-Montenegro, id-Direttiva 2008/92/KE li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali hija implimentata mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Montenegro (MONSTAT), iżda li bħalissa, ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa mhux implimentat fil-Montenegro. L-allinjament sħiħ ma' dan ir-Regolament hu previst fil-Liġi li jmiss dwar l-Enerġija.

L-UE tieħu nota li l-Montenegro mhu konness mal-ebda infrastruttura internazzjonali tal-gass. Madankollu, il-qafas leġislativ bażiku għas-suq intern tal-enerġija għall-gass hu fis-seħħ fil-Liġi eżistenti dwar l-enerġija. L-UE tinnota li l-leġislazzjoni attwali tal-Montenegro dwar il-gass hi allinjata mat-Tieni Pakkett dwar is-Suq Intern, u li l-Montenegro ma adottax leġislazzjoni ta' implimentazzjoni. Il-Montenegro qed jippjana li sa tmiem l-2015 jallinja mat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija permezz tal-Liġi l-ġdida li jmiss tiegħu dwar l-Enerġija.

L-UE tirrikonoxxi li l-Montenegro diġà stabbilixxa l-qafas meħtieġ għall-istruttura tas-suq tal-gass. Il-kumpannija Montenegro Bonus ġiet indikata bħala l-operatur tas-sistema tat-trasmissjoni tal-gass. Filwaqt li l-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSO) tal-gass u l-Fornitur Pubbliku tal-gass għadhom ma ntgħażlux, il-Liġi dwar l-Enerġija tiddefinixxi d-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-operatur tat-sistema tat-trasmissjoni u dak tad-distribuzzjoni.

Fir-rigward tal-kapaċità amministrattiva biex jiġi implimentat is-suq intern tal-enerġija, l-UE tieħu nota li l-livelli attwali tal-persunal kemm fid-Direttorat għall-Enerġija fil-Ministeru għall-Ekonomija kif ukoll fl-Aġenzija Regulatorja għall-Enerġija (ERA) huma biżżejjed biex jaqdu r-responsabbiltajiet attwali tagħhom.

Fir-rigward tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali bejn il-korpi regolatorji nazzjonali, il-Liġi dwar l-Enerġija (Ġurnal Uffiċjali tal-Montenegro 28/10 u 6/13) tikkonforma parzjalment mad-Direttiva 2009/72/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u r-Regolament (KE) Nru 713/2009 li jstabilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija.

L-UE tissottolinja l-importanza li jiġu evitati distorsjonijiet fis-Suq Intern tal-Enerġija, inkluż li jiġi żgurat li jkun hemm garanzija ta' kompetizzjoni, aċċess għas-suq u rispett għad-drittijiet tal-konsumaturi. L-UE tqis li l-Montenegro kiseb livell raġonevoli ta' allinjament mad-dispożizzjonijiet tas-Suq Intern tal-Enerġija fil-qasam tal-enerġija, prinċipalment bis-saħħa tas-sħubija tiegħu fil-Komunità tal-Enerġija. Madankollu, il-livell attwali ta' obbligi li qed jiġu applikati fil-Montenegro huwa dak tat-Tieni Pakkett dwar is-Suq Intern pjuttost milli tat-Tielet Pakkett. Sabiex jiġu applikati l-obbligi addizzjonali tat-Tielet Pakkett, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet (b'mod partikolari s-separazzjoni ta' attivitajiet u s-separazzjoni tas-sjieda, il-governanza tal-intrapriżi tal-enerġija li jirriżultaw, il-kapaċità tal-awtorità regolatorja, u li jkomplu jiġu rrispettati d-drittijiet tal-konsumaturi) li jeħtieġu attenzjoni mill-qrib.

Sigurtà tal-Provvista

L-UE tinnota li l-Montenegro diġà ttraspona d-Direttiva 2005/89/KE dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura u d-Direttiva 2004/67/KE li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali. Madankollu, il-Montenegro mhux allinjat mar-Regolament (UE) Nru 994/2010 dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass. L-UE tinnota li l-Montenegro biħsiebu jitrasonih f'Liġi ġdida dwar sistemi portabbli għal skambju transfruntier ta' enerġija elettrika u gass naturali.

L-UE tinnota wkoll li t-tfixkil fis-sistema tal-enerġija kkawżat mill-Impjant tal-Aluminju Kombinat Aluminijuma Podgorica (KAP) issa ġie riżolt. L-enerġija elettrika kollha meħuda mill-interkonnessjoni fil-perijodu minn Frar sa Mejju 2013 ingħatat lura kompletament u l-ġestjoni il-ġdida tal-KAP daħlet fi ftehim dwar konnessjoni man-netwerk ta' trasmissjoni, li jiddefinixxi l-proċedura ta' skonnettjar fil-każ li l-KAP ma jingħatax enerġija elettrika. Elementi oħra ta' din ir-riżoluzzjoni huma koperti taħt il-Kapitolu 8, il-Politika tal-kompetizzjoni.

Enerġija Rinnovabli

L-UE tinnota li l-Montenegro ttraspona parzjalment id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli permezz tal-Liġi tal-Enerġija tal-2010 u li l-Montenegro qed jippjana li jikkompleta l-allinjament permezz tal-Liġi li jmiss dwar l-Enerġija.

Il-Montenegro impenja ruħu favur mira nazzjonali mandatorja li s-sehem mill-konsum finali gross tal-enerġija, ta' enerġija li tkun ġeġja minn sorsi rinnovabbli jkun ta' 33% fl-2020. F'Diċembru 2014, il-Gvern adotta Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija Rinnovabbli sal-2020 biex tintlaħaq din il-mira. Il-Montenegro diġà qiegħed fit-triq it-tajba biex jissodisfa dawn il-miri: il-proporzjoni tas-sehem globali tiegħu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli kien ta' 28.5% fl-2012 u 31.0% fl-2013.

L-UE tinnota li l-bijokarburanti u bijolikwidi oħra minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għadhom mhux rikonoxxuti fil-leġislazzjoni nazzjonali.

L-UE tfakkar fil-ħtieġa li l-Montenegro jikseb allinjament sħiħ f'dan il-qasam importanti tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-enerġija, kif ukoll l-impenn globali tagħha favur id-dekarbonizzazzjoni. Filwaqt li l-UE tfaħħar lill-Montenegro għall-progress li sar fiż-żieda fil-proporzjon tal-konsum gross finali tiegħu tal-enerġija li ġeġja minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż il-fatt li ntlaħqu l-objettivi interim tiegħu fi triqtu lejn il-miri għall-2020, l-UE tfakkar fil-ħtieġa li jkompli fuq din it-triq u wkoll li jikseb aktar allinjament ma' elementi oħra tad-Direttiva tal-2009 dwar l-Enerġija Rinnovabbli, u li jallinja mal-obbligi tal-UE fil-qasam tal-bijokarburanti.

Effiċjenza Enerġetika

L-UE tinnota li l-leġislazzjoni tal-Montenegro hija parzjalment allinjata mal-*acquis* rilevanti tal-UE dwar l-effiċjenza enerġetika permezz tal-Liġi tal-2014 dwar l-Effiċjenza Enerġetika. L-UE tieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Montenegro li l-allinjament sħiħ ser jiġi kkompletat bl-adozzjoni ta' Liġi ġdida dwar l-Enerġija aktar tard din is-sena, inkluż fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet mid-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika relatata mal-konsum finali tal-enerġija.

Il-Montenegro ma allinjax mar-Regolament (KE) Nru 1222/2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra u lanqas mar-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju.

L-UE tinnota li l-Montenegro qed jimplementa l-politika tiegħu dwar l-effiċjenza enerġetika permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ta' tliet snin dwar l-effiċjenza enerġetika, li l-aħħar wieħed fosthom ġiet adottata f'Novembru 2013.

L-UE tfakkar fl-importanza ta' allinjament sħiħ fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika. Għal din ir-raġuni, l-UE thegħeġ lill-Montenegro mhux biss biex jikseb allinjament sħiħ mal-*acquis* rilevanti tal-UE, iżda wkoll biex jistabbilixxi qafas biex titnaqqas l-intensità tal-enerġija tal-ekonomija tal-Montenegro.

Ftehimiet internazzjonali

L-UE tinnota li l-Montenegro ser isir membru sħiħ tal-Karta tal-Enerġija sa tmiem l-2015, peress li diġà adotta l-Liġi dwar ir-Ratifika tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija f'Lulju 2015 u nnotifika lill-pajjiż depożitarju (il-Portugall) f'Settembru 2015 dwar l-adozzjoni tal-liġi.

Enerġija Nukleari

L-UE tinnota, għall-finijiet ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE dwar is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni, li l-Montenegro huwa pajjiż mingħajr industrija nukleari, mingħajr reattur ta' riċerka u mingħajr ebda faċilità oħra għall-produzzjoni ta' sustanzi radjuattivi. Skont il-Liġi tal-2009 dwar il-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Jonizzanti u s-Sikurezza mir-Radjazzjoni, il-Montenegro huwa pprojbit milli jibni impjant tal-enerġija nukleari. Il-Montenegro għalhekk ma għandu l-ebda interess li jikseb minerali u fjuwil nukleari. Konsegwentement, l-UE tinnota li l-Montenegro mhux biħsiebu jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom.

L-UE tinnota li l-Montenegro sar membru sħiħ tal-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari f' Lulju 2015. Il-Montenegro adotta wkoll 16-il konvenzjoni u ftehim fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni u s-sigurtà u s-sikurezza mir-radjazzjoni. L-UE tinnota wkoll li l-Montenegro stabbilixxa l-qafas regolatorju għas-sistema ta' miżuri ta' protezzjoni għal materjali nukleari biex jissodisfa d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u s-salvagwardji li jakkumpanjawh (spezzjoni, imġiba ħażina, pieni u dispożizzjonijiet kriminali marbutin mal-liġijiet u l-kontabbiltà). Barra minn hekk, is-salvagwardji nukleari skont it-Trattat Euratom u l-liġi sekondarja tiegħu ser ikunu direttament applikabbli.

L-UE tinnota li l-Montenegro kiseb livell ta' allinjament parzjali fil-qasam tas-sigurtà u s-sikurezza nukleari u mir-radjazzjoni u tal-protezzjoni mir-radjazzjoni jonizzanti, permezz tal-Liġi tiegħu tal-2009 dwar il-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Jonizzanti u s-Sikurezza mir-Radjazzjoni u s-17-il liġi sekondarja li jimplementaw id-dispożizzjonijiet tagħha. L-UE tinnota li l-Montenegro biħsiebu jadotta liġi ġdida dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u mir-radjazzjoni, kif ukoll il-protezzjoni mir-radjazzjoni, sal-aħħar tliet xhur tal-2018, li għandha parzjalment tittrasponi d-Direttivi 2013/59/Euratom, 2014/87/Euratom, 2009/71/Euratom u 2011/70/Euratom.

L-UE tinnota wkoll li l-Montenegro qed jimplementa il-programm tal-ittestjar sistematiku rigward ir-radjuattività f'emerġenzi u f'każ ta' suspett ta' emerġenzi. Bħalissa hemm biss stazzjon wieħed ta' kejl online għal doża ta' radjazzjoni gamma ambjentali fl-arja. Ħames stazzjonijiet ta' kejl oħrajn għall-monitoraġġ online 24/7 ta' dożi ta' radjazzjoni gamma ambjentali fl-arja ser jinxtraw bl-assistenza tal-UE.

L-UE tinnota li l-Montenegro għandu l-faċilità li jaħżen skart radjuattiv. Din il-faċilità tal-iskart hi maħsuba biex tittratta sorsi magħluqin ta' skart radjuattiv użat u skart radjuattiv għal perijodu ta' 50 sa 100 snin.

L-UE tenni l-importanza ta' dan il-qasam tal-*acquis* biex jiġi żgurat l-użu sikur ta' materjali radjuattivi, anki fin-nuqqas ta' kwalunkwe enerġija nukleari fil-Montenegro. Għal din ir-raġuni, l-UE tfakkar fl-importanza ta' allinjament sħiħ ma' dan il-qasam tal-*acquis*.

* * *

Fid-dawl tal-istat attwali tat-tnejn tal-Montenegro, l-UE tinnotta li, bil-fehim li l-Montenegro għandu jkompli jagħmel progress fl-allinjament mal-*acquis* kopert bil-Kapitolu dwar l-Enerġija u fl-implimentazzjoni tiegħu, dan il-kapitolu jista' jingħalaq provviżorjament biss ladarba l-UE taqbel li jintlaħqu l-punti ta' referenza li ġejjin:

- Il-Montenegro jikkompleta l-allinjament legali mal-*acquis* fir-rigward tal-ħażniet obligatorji taż-żejt, jistabbilixxi l-istruttura amministrattiva tiegħu għall-ġestjoni tal-ħażniet taż-żejt, u jkun beda jistabbilixxi ħażniet fiżiċi, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tiegħu stess.
- Il-Montenegro jallinja mal-*acquis* fir-rigward tas-suq intern tal-enerġija, inkluża s-separazzjoni tal-utilitajiet kollha tal-enerġija f'konformità ma' wieħed mill-mudelli fl-*acquis*.
- Il-Montenegro jallinja mal-*acquis* fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-*acquis* u l-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tiddedika attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-allinjament legali sħiħ tal-Montenegro mal-*acquis* f'dan il-kapitolu kif ukoll il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu. Jinħtieġ li tingħata konsiderazzjoni partikolari lir-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħrajn tan-negozjati. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Montenegro mal-*acquis* u tal-kapaċità implimentattiva tiegħu tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro biex jipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-*acquis*.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument adatt.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm *acquis* ġdid bejn il-11 ta' April 2013 u l-konklużjoni tan-negozjati.